# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 21 ta' Frar, 2024

Avviz tat-Talba numru:357/2021CL

**Wadah Karouf (0134917A)**

**VERSUS**

**Novaric Ltd (C63881)**

Ra t-talba li gietipprezentat fl-10 ta' Dicembru 2021, fejn l-attur talab ls-somma ta' elf erba' mija u ghoxrin euro (€1,420) li tirraprezenta rifuzjoni fil-kaz ta' rifjut tal-applikazzjoni ghal-permess ta' residenza bl-imghax legali sal-pagament tal-hlas effettiv. L-attur kien hallas is-somma ta' elfejn euro lis-socjeta konvenuta sabiex ssir applikazzjoni *still abroad* ghal permess ta' residenza f'Malta ghal huh Zied Karouf. Illi skond dokument li inghata f'kaz ta' rifjut tal-applikazzjoni l-ammont ta' €1420 jigi rifondut. Illi meta ma irnexilux jikkomunika mas-socjeta konvenuta hu kien mar l-Agenzija Identity Maltafejn infurmawh illi l-applikazzjoni kienet giet rifjutata.

Ra r-risposta li giet pprezentata mis-socjeta konvenuta fil-25 ta' Jannar 2022, fejn it-talbiet ghandom jigu respinti ghax huma infondati fil-fatt u fid-dritt li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi l-process ghal hrug ta' permess ta' residenza ma kienx ghadu definittivament konluz u ghalhekk l-azzjoni odjerna kienet intempestiva u ma jezistux l-elementi cirkostanzi li a bazi taghhom l-attur jista' jitlob refuzjoni ta' xi parti mill-prezz imhallas minnu lis-socjeta konvenuta.

L-affidavit ta' Wadah Karouf gie ipprezentat fit-13 ta' Jannar 2022, fejn qal illi kien halas l-ammont ta' €2000 lis-socjeta Novaric Lts sabiex jiehdu hsieb l-applikazzjoni ta' huh Zied Karouf ghal permess ta' residenza li kien *still abroad*. illi meta hallas dan l-ammont kien inghata dokument bir-rendikont tal-ispejjez, fejn kien hemm miktub illi f'kaz ta' rifjut tigi rifonduta s-somma ta' €1420. Illi meta ghada z-zmien u ma ircevew ebda informazzjoni hu beda jipprova jaghmel kuntatt mas-socjega konvenuta izda qatt ma inghata twegiba. B'hekk hu kien mar dierttament ll-ufficini tal-Agenzija Identity Malta fejn gie infurmat li l-applikazzjoni ta' huh kien gie irrifjutat, izda Novaric Ltd baqghet qatt ma rrifondiet l-ammont ta' €1420. Fil-kontro ezami jghid illi l-hlas li sar ghal

applikazzjoni ta' huh kien ghamila hu fil-5 ta' Ottubru 2020. Hu beda jikkomunika mas-socjeta konvenuta izda ma jafx il-persuna ghax ma kienux tawh isimhom kien jmur jkellimhom u meta kien jistaqsihom fejn waslet l-applikazzjoni keinu jghidulu li ma jafux. Huma kienu qalulu li ma kaqbizx ix-xahrejn u beda jitlob l-informazzjoni minn ghadnhom

Fl-20 ta' April 2022 xehed Patrick Bugeja in rapprezentanza ta' Identity Malta fejn qal illi l-applikazzjoni ta' Ziad Karouf bin-numru 279690/2020, kienet saret fit-18 ta' Novembru 2020, kienet ghadha qieghda tigi ipprocessata ghax l-ewwel jobsplus ma kinitx approvat l-applikazzjoni u Identity Malta harget refusal letter fit-12 ta' April 2021[1]. Din tista' ma tkunx finali f'kaz illi jircievu reconsideration letter bhal ma gara f'dan il-kaz, li ircevew reconsiderarion letter mill-employer datat 28 ta' Jannar 2022 Dok PB1. l-applikazzjoni keienet ghadha pendenti.

Ra l-affivavit ta' Zied Karouf fejn iddikjara illi qatt ma kien ircieva xi notifka bl-ebda mod ta' kommunikazzjoni minghand Novaric Ltd rigward l-applikazzjoni tieghu li saret minn Novaric Ltd f'ismu fl-10 ta' Ottubru 2020 u lanqas ma ircieva refusal jew approval kif suppost jircievi fiz-zmien xahrejn. Is-socjeta konveuta uzat l-iskuza tas-sitwazzjoni globali tas-sahha ghal delay sakemm sar jaf bir-refusal hu stess.Kif beda juza servizz ta' avukat biex jiehu lura l-flus sar jaf permezz ta' li wara sena u seba xhur l-applikazzjoni tieghu kienet ghada pendenti mal Identity Malta izda f'dan il-perjodu m'ghadux interessat li jigu jghix Malta ghax kien izzewweg . Xehed Joseph Rapa mic-Central Visa Unit li Zeif Karouf kellu applikazzjoni fuq short term student li giet refused ghal perjodu 21 ta' Ottubru 2018 u 26 ta' Gunju 2019. L-applikant jkollu dritt jappella mal Immigration Appeals Board izda skonf l-informazzjoni li kelllhom ma kienx sar appell. Xehdet Graziella Cauchi, Unit Manager tal-Employment Licences tal-Jobsplus u kienu incevew applikazzjoni ghal Zied Karouf fis-27 ta' Jannar 2021 minn Temping Agency li ma kienx l-employer u riedu jivverifikaw il-kuntratt mal-entita u kienu bghatu sabiex jivverifika l-kuntratt u ma vverifikahx u ghalhekk fit-12 ta' April 2021 bghatu rejection lil Identity Malta. F'Jannar ta' 2022 Novaric ippreaenta l-istess kuntratt u regghu bghatu biex jivverifika l-fteihem li kien hemm bejn Novaric u l-employer LK Ltd u peress illi sar verifika bghatu jinfurmaw lil Identity Malta li l-issue min-naha taghhom kienet giet rizolta, Dok F,izda id-decizjoni finali tkun ta' Identity Malta,. Generalment ma jsrix hekk, izda l-individwu jkollu zmien ta' xahar biex jappella, huma ma kienux gew infurmati li kien hemm appell.Ipprezentat Dok GC1 fejn tidher l-email li bghatu FIL-13 ta' Frar 2021 Dok A, lil LK Ltd u t-tieni e mail li bghatu fl-istess indirizz eletroniku fil-25 ta' Jannar 2022 Dok D u r-risposta datata 27 ta' Jannar 2022. Dok E. Xehed Luke Grech mill-Ufficju tal-Immigration Appeals Board li ikkonferma li ma kien hemm ebda appell f'isem Zied Karouf. Fil-kontro ezami ikkonferma li huh kien hallas lil Novarik Ltd biex jaghmlu applikazzjoni ghalih biex jahdem f'Malta f'Ottubru 2020 izda ma kien ircieva xejn.Huh kien ghamel applikazzjoni ohra ghalih qabel Ottubru 2020 tramite l-istess kumpanija u ma kien ircieva xejn lanqas. Fl-2021 hu kien it-Tunezija, Girba u huh kien Malta u kien jaf illi kien hawn il-pandemija f'Malta izda huh kien qallu li ghalkemm kien hawn restrictions ma kienux asoluti. Hu kien izzewweg fl-4 ta' Gunju 2021 u sa dakinhar ma kien ircieva ebda risposta. Meta applika ma kienx jaf li kien ser jizzewweg ghax sar

[1] FOLL 32

jaf lil mara waqt illi kien Girba. Hu ma jafx meta iddecidew li jizzewgu imma issa ma kellux aktar interess li jigi Malta.

Xehed Alban Thikan li kien ilu direttur mas-socjeta Novaric Ltd ghal disa' snin. huma kienu recruitment and employment Agency u jaghtu konsultazzjoni fuq id-dokumenti ghal permess tax-xoghol. Huma kienu ghamlu applkazzjoni mal-Identity Malta ghal single work permit ghal hu l-attur li ma kienx jinstab Malta. Kif jissotomettu applikazzjoni mal-Identity Malta ma tibqax f'idejhom izda f'idejn Identity Malta u stake holders u Jobsplus u Immigrazzjoni. Huma jircievu hafna kommunikazzjon fuq l-applikazzjonijiet differenti u peress illi huma intermediary bejn l-applikant u l-kumpanija, u gieli Jobsplus jibghatu e mail diretta lil kumpanija biex jivverifikaw il-kuntratt u l-kumpanija ma twegibx. Meta jkun hemm refusal jibghatuh ghal internal review mal-jobsplus u fi zmien qasir jirikonsidraw l-applikazzjoni u japprovawh u fil-fatt gie approvat fit-28 ta' Jannar 2022. Hu ikkonferma li d-dokument li jinsab a foll. 4 huwa deskrizzjoni tal-process ta' applikazzjoni. iz-zmien indikat ta' bejn 8 u 12 il-gimgha huma iz-zmien ghal vetting li jaghtu Identity Malta flimkien ma' Jobsplus u Immigrazzjoni. Qabel il-Covid kellhom rata ta' success ta' 96% li jzommu maz-zmien ,izda fi zmein il Covid kien hemm incertezza u *backlog* u Identity Malta ma setghux jlahqu u l-percentagg nizel ghal 85%. Fil-kontro ezami qal illi l-applikazzjoni ta' Ziad Karouf kienet giet rrifjutata minn Jobsplus miinhabba l-htigiet ekonomici ta' xoghol u Identity Malta tinforma lil applikant u jista' jkun li lilhom ukoll izda ma jiftakarx. Ma jaqbilx li l-applikant kellu tlett ijiem biex jappella ghax dak iz-zmien l-applikant kellu ghaxart ijiem biex jappella, jitlaq mill-pajjiz jew jirregola l-pozzozjoni tieghu fejn huma kienu jibghatu e mail jitolbu sabiex ssir review tal-applikazzjoni. Huma ma kienux appellaw izda bghatuh lura jobsplus ghax hassew li kellhom id-dokumneti kif suppost u ninfurmaw lil klijent, izda ma kellux din il-korrespondenza. l-apporval gie qabel il-proceduri izda intbghat lil attur wara li kien bdihom. F'kaz illi l-applikazzjoni ma tirnexxix huma jirrifondu xi flus lil klijent izda meta id-decizjoni tkun finali. Huma jinfurmaw lil klijent meta d-decizjoni tkun finali u ma jzommuhx aggurnat dwar l-applikazzjoni tieghu, huma jsegwuhom *on line* wara li jaghmlu l-applikazzjoni kif jista' jaghmel ukoll il-klijent.Lanqas meta jircivu refusal ma jinfurmaw lil klijent izda jikkonestawha huma.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat**

Illi l-attur kien ingagga lis-socjeta konvenuta sabiex jaghmlu applikazzjoni mal-Identity Malta (illum Identita') maghruf bhala *single permit,* ghal huh li kien jinsab it-Tunzija. Is-socjeta attrici applikat fit-18 ta' Novembru 2020 u minkejja li l-attur kien jmur spiss l-ufficjini taghhom biex jitlob ghal informazzjni qatt ma tawh ebda informazzjoni. Jirrizulta illi sakemm fetah il-kawza odjerna l-attur ma kienx ghadu jaf l-istat tal-applikazzjoni tieghu u ghalhekk kien qieghed jitolob is-somma tal €1420 bhala spejjes li kellhom jigu rifuzi f'kaz illi l-applikazzjoni tigi *refused*. Is-socjeta konvenuta qalet illi fir-rejalta l-applikazzjoni qatt ma giet *refused* mill-Identity Malta ghax kienet giet *refused* minn stakeholder Jobsplus, li ma kienux ircevew konferma tal-kuntratt meta talbu dan b'korrispondenza b'email. Fil-fatt l-aplikazzjoni kienet giet approvata wara li talbu lill Identity Malta

jikkonsidraw l-applikazzjoni. Mid-dokumenti li ipprezentat Graziella Cauchi, in rapprezentanza ta' Jobsplus jidher illi e mail li kienu bghatu lil LK Ltd fit-13 ta' Frar 2021 qatt ma giet imwiegba. Wara t-talba ghar-rekonsiderazzjoni li saret minn Novarik Ltd li fil-25 ta' Jannar 2022, Jobsplus regghu bghatu l-istess kommunikazzjoni lil LK Ltd li giet mwiegba fi zmien jumejn u l-ghada l-applikazzjoni giet approvata.

It-Tribunal ra Dok PB2 li tinkludi *refusal letter* datata 12 ta' April 2021[2] li giet nnotifikata lis-socjeta konvenuta u mhux lil-applikant, li ma thalli ebda dubju li l-applikazzjoni kienet giet *refused.* Fil-fatt l-istess ittra tghid illi jekk l-applikant jinsab Malta kellu ghaxart ijiem biex jitlaq, jew tlett iijiem biex jappella lil Immigration Appeals Board, liema appell jirrizulta li qatt ma sar. It-Tribunal jinnota li t-talba odjerna giet ipprezentata fl-10 ta' Dicembru 2021,u t-talba ghar-rekonsiderazzjoni saret mis-socjeta attrici f'Jannar 2022[3], propju disa' xhur wara r-*refusal letter*, liema applikazzjoni f'dan l-istadju giet approvata fi zmien tlett ijiem.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-attur u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' elf erba' mija u ghoxrin euro (€1420) bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-10 ta' Dicembru 2021[4] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

---

[2] Foll 32 u

[3] Foll 26 u foll 62

[4] data ta' meta giet intavolata l-kawza odjerna